# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tnejn u għoxrin (22) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 13 t' Ottubru 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi-Sindku |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Laqgħa ma Cedric Valletta: Kuntrattur tal-knis u qtugħ tal-ħaxix [5.35pm]**

3.1 Is-Sindku fakkar il-kuntrattur li sar ftehim li jibda ix-xogħol, għall-qtugħ tal-ħaxix, f'nofs Lulju. Qal li minn dak iż-żmien s'issa x-xogħol li sar kien diżappuntanti. Qal ukoll li l-ġurnata tal-laqgħa [13/10/2011] hu u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv daru mar-raħal u ħadu ritratti tax-xogħol. Is-sur Valletta ra r-ritratti. Is-Sindku qal ukoll li n-nies tal-kuntrattur ma marux jikinsu l-post wara li sar ix-xogħol.

3.2 Is-Sindku qal li l-ġimgħa ta'qabel din is-seduta, il-ħaddiem tal-kuntrattur kien assenti darbtejn. Is-sur Valletta qal li l-ħaddiem ħa l-leave s-Sibt u li ħadem bl-overtime ma xi ħadd ieħor it-Tnejn ta' wara biex ipatti. Is-Sindku qal li nħallsu biex mit-Tnejn sas-Sibt ikun hemm min jiknes ir-raħal, u meta l-ħaddiem ikun bil-leave, is-sur Valletta għandu jibgħat lil xi ħadd ieħor. Is-Sindku avża lis-sur Valletta li ma terġax tkun li ma jibgħatx ħaddiem ieħor. Ma dan il-punt il-kunsillier Jerome Busuttil qal li għandu jkollu alternattivi oħrajn meta jieħu l-leave, jew meta jkun marid. Żied ukoll li fil-bidu ma tantx kien jieqaf jaħdem, imma issa ma jurix l-istess ħeġġa għax-xogħol.

3.3 Is-sur Valletta iħoss li l-ħaddiem ħa r-ruħ issa li n-nies tar-raħal jieqfu biex jitkellmu miegħu u minħabba li jieħu l-kafe filgħodu mill-Kunsill. Il-kunsilliera ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li hu jkomunika man-nies u jieħu l-kafe, biss jekk jagħmel ix-xogħol sew u kif suppost.

3.4 Il-kunsillier Eddie Bonello qal f'triq Ġwann Zammit kien hemm problema kbira tal-ħaxix u li rċevejna ħafna lmenti minn nies. Qal ukoll li kien hemm il-provi illi qatt ma uża l-magna f'din it-triq. Is-Sindku qal li x-xogħol tal-knis hemmhekk sar minn nies oħrajn.

3.5 Is-sur Valletta qal li l-ħaddiem issa qiegħed jiknes sas-siegħa u jneħħi l-ħaxix mis-siegħa sal-erbgħa. Qal li n-nies tiegħu wkoll neħħew il-ħaxix u qal li l-Kunsill għandu dritt jibgħat formola ta 'ilment meta hemm bżonn.

3.6 Is-Sindku qal li raġel wieħed ma jistax jagħmel ix-xogħol waħdu. Is-sur Valletta qal li se jerġa jibgħat in-nies tiegħu biex jaqtaw il-ħaxix fl-overtime. Qal ukoll li l-ħaddiema jiktbu liema toroq kinsu biex hu jkun jaf fejn ħadmu.

3.7 Is-Sindku qal li fejn jara l-ħmieġ tal-annimali, il-ħaddiem għandu jkollu l-apparat biex jiġbor li hemm. Il-kunsillier Eddie Bonello u s-Sindku qalu li qed iħalli l-ħmieġ barra.

3.8 Is-sur Valletta qal li se jagħmel minn kollox biex jagħti servizz aħjar. Hu ammetta li kien hemm iżjed xogħol milli ħaseb li kien neċessarju fil-bidu tal-kuntratt. Qal ukoll li sar xogħol minn naħa tiegħu li ma kellux isir mingħandu. Is-Sindku qal li fil-kuntratt hemm miktub illi għandu jiġbor iż-żibel, iżda s-sur Valletta ma qabilx miegħu.

3.9 Is-sur Valletta qal li jintuża magna waħda, wara mistoqsija mill-kunsillier Publius Abdilla. Il-viċi Sindku talab raġuni għalfejn ma jiġbrux dawk li jaqtaw. Is-sur Valletta qal li fil-bidu dan kien iseħħ, iżda wara naqsu milli jagħmlu hekk.

3.10 Il-kunsillier Jerome Busuttil esprima l-ħsieb tiegħu illi s-sur Valleta ma kienx lest għal dan ix-xogħol kollu [punt li s-sur Valletta kkonferma f'punt nos. 3.8]. Hu fakkar lis-sur Valletta ukoll fuq il-ftehim verbali li kellu miegħu u mas-Sindku li ma jkunx imħallas jekk ix-xogħol ma jsirx. Is-sur Valletta qal li ħa jżomm ma dak il-ftehim.

3.11 Is-sur Valletta ppropona li jekk il-Kunsill jixtieq jibgħat in-nies tal-IPSL mal-ħaddiema tiegħu biex jiggwidaw fejn, u kif, għandu jsir ix-xogħol, dan jista jseħħ.

3.12 Fis-6.20pm intemm id-diskors fuq is-suġġett u s-sur Valletta telaq.

**4. Punti mill-Minuti**

4.1 Il-kunsillier Publius Abdilla fetaħ id-diskors fuq x'se jagħmel il-Kunsill dwar il-kuntrattur tal-knis. Is-Sindku ppropona li naqtaw xi ħaġa mill-kont imma mhux li nżommu t-total. Il-kunsilliera Jerome Busuttil u Edward Bonello qalu li s-sur Valletta ma ppretendix li se jkollu dak ix-xogħol kollu meta tagħna l-kelma tiegħu li jlesti fil-ħin.

**5. Is-Sindku ssospenda l-laqgħa meta waslu l-Perit Anthony Bezzina u Clayton D'Amato biex jidiskutu l-istima għax-xogħol li għandna nagħmlu fuq il-Playing Fields tar-raħal [6.25pm].**

5.1 Kien hemm diskussjoni fuq il-ħlas dovut lejn il-Perit għax-xogħol li għamel fuq il-proġetti li l-Kunsill applika għax-xelters u għal l-area ta' Ġnien ta' Ball. Dan il-flus se jiġi mħallas matul il-ġimgħat li ġejjin.

5.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ta informazzjoni lil Perit Bezzina dwar Memo 63, fejn il-Kunsill bi ħsiebu japplika għal fondi biex isiru upgrades fil-Playing Fields li jaqaw taħt ir-responsabilita tal-Kunsill.

5.3 Il-Perit ra wkoll l-iscreening letter li l-Kunsill irċieva minn MEPA. Qal li m'hemmx xi problemi kbar bil-proposta. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni m'hemmx oġġezzjoni.

5.4 Fis-6.45pm intemmet id-diskors mal-Perit bi qbil li se jibgħat l-istima tax-xogħol li jrid isir fuq il-Playing Fields fil-ġranet li ġejjin.

## 6. Kontinwazzjoni tal-Punti mill-Minuti

6.1 Is-Sindku ppropona li nħallsu €1000 lil Cedric Valletta għax-xogħol li għamel [il-ftehim kien ta €1400 jekk ix-xogħol isir sew]. Il-kunsillier Publius Abdilla qal li xorta għandu jagħmel ix-xogħol. Il-kunsilliera qablu li għandu jispiċċa x-xogħol kif ġie miftiehem u jekk jagħmel hekk inħallsu l-amont ta' €1400. L-approvazzjoni tac-cheque ssir biss wara li l-kunsilliera jkunu kuntenti bix-xogħol.

6.2 Il-kunsilliera qablu li s-sur Alexis Callus, li kien qed jorganizza GloriaFest 2011[fejn sar kunċert fil-parroċċa ta' Ħal Safi fl-14 t'Ottubru], kellu jibgħat inviti lill-kunsilliera kollha. Il-kunsillier Publius Abdilla qal ukoll illi qal lis-sur Callus li għandu ssemmi l-Kunsill bħala sponsors peress li ħalasna għat-trasport tal-artisti. Kien avżaħ ukoll li għandu jibgħat inviti lill-kunsilliera.

6.3 Il-kunsillier Edward Bonello qal li din id-darba l-għaqdiet, Każini u persuni tal-Kunsill kellhom jiġu mistednin.

6.4 Il-kunsillier Francis Callus qal li ma semma xejn fil-laqgħa preċedenti [punt nos. 11.2] dwar il-punt li ma kienx imsemmi fil-Minuti tas-seduta numru 20 minħabba nuqqas ta' ħin. Fis-seduta numru 19 hu kien emfassiza li hu kien kontra li triq San Pawl tibqa one-way wara l-ftuħ ta Valletta Road fiż-Żurrieq li l-ftehim kien illi t-triq kellha terġa tiġi għall-pozizzjoni li kienet qabel.

## 7. Ħwejjeġ oħra

7.1 Is-Sindku qal li n-nurses għandhom jiġu lejn l-aħħar tax-xahar biex jagħtu l-injezzjonijiet tal-influwenza.

## 8. Korrispondenza

8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li MEPA ma tawx risposta possittiv għat-talba tal-Kunsill biex intelaw filatta fuq ħajt f'triq San Ġwann [punt 7.1 tal-laqgħa preċedenti]. MEPA qalu li l-persuna għandu jimla 'development application'. Is-Sindku iħoss illi għandna nagħmlu x-xogħol għall-persuna li ġie affetwat bix-xogħol li għamel il-Kunsill meta għamel il-bankini.

8.2 Is-Sindku qal li rċieva talba minn resident ġo triq Dun Karm Lia biex intellaw filatta mal-ħajt tiegħu wkoll. Ir-resident jallega li wara li ħarqu l-għelieqi ta' ħdejħ darbtejn fis-sajf, hemm amont kbir ta ġrieden li telgħin mal-ħajt baxx li tissepara l-għelieqi w d-dar tiegħu.

8.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li r-Residential Parking Scheme ġie approvat minn Transport Malta.

8.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna nħallsu €787.50 għat-topographic survey li

għandna bżonn minn naħa tal-TM għall-espropjazzjoni ta' triq il-Kuċċard. Il-kunsilliera qablu li jsir il-ħlas.

**Il-kunsillier Francis Callus ġie skużat mill-laqgħa [7.30pm] minħabba impenji oħrajn li kellu. Hu kien avża l-Kunsill dwar dan qabel ma bdiet il-laqgħa u ma kien hemm ebda oġġezzjoni. Qabel ma telaq ra l-Payment Approval Sheet u ffirmaħ.**

## 9. Ħwejjeġ oħra

9.1 Il-kunsillier Edward Bonello qal li għandna nindirizzaw il-kwistjoni tas-sigurta tat-tfal qabel u wara l-ħinijiet tal-iskola.

9.2 Is-Sindku qal li, flimkien mas-Sindku ta' Ħal Kirkop, mar jiltaqa mar-rappresentati t'Arriva. Għandna nistennew risposta għat-talba li saret biex ikun hemm tlett karrozzi tal-linja għan-nies taż-żewġ irħula bejn is-6.30 u 7.30 ta' filgħodu.

9.3 Il-kunsillier Edward Bonello talab raġuni għalfejn għadhom ma waslux ftit tabelli li kienu ordnati xahar ilu. Is-Sindku qal li se jara x'ġara bihom. Kien hemm diskussjoni wkoll fuq fejn twaħħlu, u għandhom ikunu mwaħħlin, it-tabelli għal meta tiftaħ it-triq tal-Karwija.

9.4 Il-kunsilliera qablu li x-xuffiera huma responsabbli għal kull disgrazzja li tista sseħħ f'triq San Pawl. Fil-laqgħa preċedenti [punt 10.7] kien hemm mistoqsija minn resident dwar min se jerfa r-responsabita. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikonferma wkoll li bagħat email lil Transport Malta biex nieħdu l-opinjoni tagħhom.

9.5 Is-Sindku qal li għandna naqalaw kurduna qadima f'triq l-Ibraġġ. L-istima qegħda ta' €1000. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li se nkollna bżonn tlett quotations. Is-Sindku qal li x-xogħol għandu jsir malajr kemm jista jkun.

9.6 Is-Sindku qal li hemm problema bil-pompa fil-fontana tal-Playing Field ta ħdejn il-Kunsill. Qed jara m'Agius Marbles x'tip ta rinnovazzjonijiet jistaw isiru.

9.7 Is-Sindku qal ukoll illi hemm bżonn li nagħmlu rinnovazzjonijiet ta' ċertu postijiet madwar ir-raħal. Qed jara minn fejn nistgħu nġibu l-fondi għal dawn il-proġetti. Qal illi tkellem ma uffiċjal tal-ambjent li huwa lest li jisponserjana. Fost dawn ix-xogħolijiet is-Sindku ppropona li titranġa l-ġnien fl-area t'Amparell. Ippropona wkoll li nsemmu l-ġnien "Ġnien żebbuġ" u wara diskussjoni mal-kunsilliera ġie deċiż li nsejħu l-ġnien "Ġnien iż-żebbuġ".

9.8 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-kulħadd li ftit mix-xogħolijiet imsejjin fil-punt preċedenti jistgħu jkunu ffinanzjati mid-Dipartament [il-Kunsill applika għal fondi taħt Memo 63/2011 fejn nieħdu 50% lura tal-infieq]. Is-Sindku qal li jekk nieħdu dawk il-fondi, il-bqija tal-flus jiġu mill-isponsor.

## 10. Payment Approval Sheet

10.1 Il-kunsillier Jerome Busuttil reġa qajjem is-suġġett fuq l-Ironmongers. Qal li l-ħaddiem għandu

jdur il-ħwienet kollha u mhux dejjem imur it-Tower Ironmongery. Il-kunsillier Edward Bonello qal li din hija problema persistenti.

10.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm post għal ftit subien li ħalsu għan-nursery. Għalhekk il-Kunsill se jagħti l-flus lura lil ġenituri.

10.3 Il-kunsillier Eddie Bonello rrifjuta jaċċetta ebda ħlas għaċ-ChildCare Centre mingħajr il-kunsens tal-kunsillier Francis Callus. Qal illi l-proġett kien se jsir biss bil-konferma li se nieħdu fondi għalihom, u ma jaqbilx illi għandna naħsbu fix-xogħol, u noħorġu kontijiet, mingħajr dawn il-fondi. B'hekk il-ħlas dovut għal Perit Anthony Bezzina [rigward is-Centre] se jkun diskuss fil-futur.

10.4 **Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheet nos 21, barra l-ħlas dovut lejn il-perit Anthony Bezzina għaċ-ChildCare Centre.**

## 11. Korrispondenża

11.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv reġa ħareġ l-iscreening letter tal-MEPA għax-xogħol fuq iċ-ChildCare Centre [punt 5.3] biex juri l-ispejjez dovuti lejn MEPA għax-xogħol li sar s'issa fuq il-proposta taċ-ChildCare Centre. Il-kunsillier Eddie Bonello reġa rrifutja jidiskuti dawn il-kontijiet mingħajr ma jkunu preżenti l-kunsilliera kollha.

11.2 Ma kienx hemm ħin biex jinqraw l-bqija tal-korrispondenża.

## 12. Laqgħa li jmiss

12.1 Fil-laqgħa li jmiss il-kunsilliera għandhom jidiskutu l-ħatra t'Accountant. Sa dak il-ħin għandhom jidħlu l-quotations wara s-sejħa li għamel il-Kunsill. L-applikazzjonijiet jagħlqu fil-25 tax-xahar.

12.2 Se jiġi diskuss ukoll il-problemi u s-servizz tal-kumpanija 'Arriva'.

**10. Il-laqgħa intemmet fid- 9pm.**

**11. Il-laqgħa li jmiss se tkun fit- 27 t' Ottubru 2011**

Approvati llum 27/10/2011

Sindku Deputat Segretarju Eżekuttiv